MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1258/2003

**Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Victor Borg u l-istess Victor Borg, u b'nota tal-25 ta' Mejju, 2004, is-socjeta` Elmo Insurance Ltd assumiet l-atti minflok is-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited noe bhala surrogata fid-drittijiet taghha tal-assigurat Victor Borg**

**vs**

**Bruce Zarb**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Gunju, 2003 fejn intqal illi:**
**Fit-18 ta' Gunju, 2002, Abuagila Eramash kien qed isuq il-vettura BAK-526, ta' proprjeta` tal-attur Victor**

**Borg u assikurata mal-kumpanija attrici, mix-Xatt ta' San Gorg, San Giljan, meta giet mill-faccata f'nofs it-triq il-vettura BRU-877 misjuqa mill-konvenut li baqghet diehla fuq il-vettura BAK-526. Jista jizdied ukoll li jidher mill-iskizz tal-pulizija li l-brakes tal-vettura BRU-877 rabtu fuq naha wahda.**
**Illi l-atturi pprovaw jithallsu bonarjament id-danni sofferti minnhom fis-somma ta' sitt mija tnejn u sittin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm662.19) kwantu ghal sitt mija sebgha u tletin lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm637.19) mill-assikurazzjoni li sburzathom taht il-polza u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (Lm25) mill-attur li baghtihom minn butu, u sa anke intbghatet ittra ufficjali fil-15 ta' Jannar, 2003 izda ghal ta' xejn.**
**Ghalhekk l-atturi jitolbu illi t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' sitt mija tnejn u sittin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm662.19) in linea ta' danni kagunati tort tieghu fil-kollizzjoni fuq imsemmija, kwantu ghal sitt mija sebgha u tletin lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm637.19) lill-kumpanija attrici li sburzathom taht il-polza, u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (Lm25) lill-attur li baghtihom minn butu, prevja d-dikjarazzjoni li l-kollizjoni grat unikament tort tal-konvenut.**
**Bl-ispjjez komprizi dawk tat-ittra ufficjali tal-15 ta' Jannar, 2003 u dawk tal-ittra ufficjali kontestwali mibghuta lill-assikurazzjoni tal-konvenut ingunt ghas-subizzjoni, u bl-imghax ta' 8%.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-30 ta' Jannar, 2004, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt stante**
**li kien l-assigurat tas-socjeta` attrici li b'negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku kkawza l-incident in kwistjoni;**
**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici rigward l-ammont pretiz huma eccessivi u ghaldaqstant huma kontestati;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Joe Mula, PS500 John Giusti, u Bruce Zarb. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fit-18 ta' Gunju, 2002 ghall-habta tat-3.30pm fix-Xatt ta' San Gorg, San Giljan. Involuti fil-kollizzjoni kienu l-vettura BRU-877 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura BAK-526 misjuqa minn Abuagila Eramash.**

**2. Skond ir-road accident report, Dok.JG1, esebit mis-Surgent tal-Pulizija PS 500 John Giusti, is-sewwieq tal-vettura tal-attur, Abuagila Eramash, kien qal li kien miexi fid-direzzjoni ta' Dragonara Road meta l-konvenut gie b'velocita` mid-direzzjoni opposta. Il-konvenut "a tempo vergine" kien qal li kien qed isuq fid-direzzjoni tal-Bajja ta' San Gorg meta Abuagila Eramash gie b'velocita` mid-direzzjoni opposta, u semghu jghid li kien mghaggel.**

**3. Jirrizulta li l-vettura tal-konvenut kellha brake marks fuq naha wahda.**

**4. Jirrizulta li kien hemm vetturi parkeggjati fuq iz-zewg nahat tat-triq.**

**5. Jirrizulta li t-triq hemmhekk mhix tant wiesgha meta hemm vetturi parkeggjati u nies jippasseggaw fit-triq, u ghalhekk hu d-dover ta' kull sewwieq li jsuq bil-massima diligenza f'dawk l-inhawi.**

**6. Jirrizulta li fil-post fejn gara l-incident it-triq titwessa xi ftit, pero` xorta mhux tant li wiehed jista' jsuq daqs li kieku ghaddej fuq "highway".**

**7. Jirrizulta li z-zewg vetturi fil-mument tal-impatt kienu piuttost aktar lejn il-"crown of the road" milli mal-genb, ossija vicin tal-karrozzi parkeggati. Il-konvenut jispjega li kien hemm nies fit-triq u ghalhekk ma setghax jiggenneb aktar. Pero` f'dak il-kaz, kien ukoll dmir tieghu li jsuq aktar bil-mod.**

**8. Jirrizulta li lanqas ma giet ribadita l-allegazzjoni li Abuagila Eramash kellu certa ghaggla dak il-hin.**

**9. Fic-cirkostanzi it-Tribunal hu tal-fehma li z-zewg sewwieqa kienu jahtu f'mod ugwali ghall-eventwali**

**kollizzjoni li sehhet, peress li t-tnejn li huma ma uzawx id-debita diligenza tenut kont tal-lokal minn fejn kienu ghaddejjin. Ghalhekk il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghal nofs id-danni li sofra l-attur.**

**10. Id-danni sofferti jirrizultaw mid-dokumenti, Dok.JM1 sa JM11 esebiti minn Joe Mula ghas-socjeta` attrici, u dana fl-ammont reklamat, Peress illi l-konvenut jahti biss ghal nofs dawn id-danni, l-ammont minnu dovut huwa ta' tlett mija u wiehed u tletin lira Maltija u disa' centezmi (Lm331.09).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jiddikjara li l-kollizzjoni sehhet b'tort ugwali taz-zewg sewwieqa, jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u sitt liri Maltin u disa' centezmi (Lm306.09) u lill-attur Victor Borg is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00), ilkoll bl-imghax legali dekorribli mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------